MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2004

Numru 617/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**v**

**MUATAZBILIN ALLAH A HOUSSEIN**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MUATAZBILIN ALLAH A HOUSSEIN** ta' tlieta w ghoxrin sena, imwieled Benghasi, Libja, nhar t-tmienja ta' Frar 1981 u residenti Paceville Court, Block B, Flat 16, Triq Gort, San Giljan, Paceville, detentur ta' passaport Libjan numru H-338320 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fil-lejl tat-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 f'xi hin filghodu bejn nofs il-lejl u t-tlieta, gewwa Paceville, permezz ta' strument bil-ponta [gane] xejjer daqqa fid-direzzjoni ta' France Robert

Gabrielle u kkagunalu ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Doctor V.T. Buhagiar tal-isptar San Luqa.
2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument bil-ponta [gane].
3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded lil PS 547 Martin Agius bi hwejjeg ohra iebsin u jew qabad arma ohra kontra l-istess persuna.
4. Talli fit-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, ghall-habta tat-tlieta attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqisx bhala vjolenza pubblika kontra persuna li hi nkarigata skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra PS 547 Martin Agius filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-Awtorita Kompetenti.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom c-certifikat mediku rilaxxat minn Doctor V. T. Busuttil fil-konfront ta' Frank Robert Gabrielle esibit fl-atti bhala dokument CSH 1, kif wkoll l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar t-trmienja w ghoxrin ta' Lulju 2004 esibita fl-atti bhala dokument CSH 2.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-ewwel opportunita moghtija lilu u cioe mal-presentata nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2004;
2. Il-ko-operazzjoni verbali tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva li kienet qed tinvestiga l-kaz;
3. Li l-feriti li kkaguna kienu de minimis skond ic-certifikat mediku esibit fl-atti; u
4. L-fatt li ghandu jigi trattat bhala *a first time offender*.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu u cioe l-artikolu 49, 40, 95, 96(1)(a), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342, 221(1)(2) u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis li r-reati li l-akkuzat gie mressaq il-Qorti fuqhom huma reati serji u dan ghaliex huma ndirrizati lejn Ufficjali Pubblici li qed jaghtu servizz pubbliku u li dawn graw waqt li huma kienu jaqdu d-dmirijiet taghhom u ghalhekk thoss li ghandha taghtihom il-protezzjoni li jixirqilhom billi tikkundanna lil imputat piena karcerarja sospiza.
**Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 49, 50, 95, 96(1)(a), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342, 221(1)(2) u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat MUATAZBILIN ALLAH A HOUSSEIN hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' xahrejn sospizi ghal sena u dan ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------